(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali fis-suq tal-laħam tat-tjur, jeħtieġ li jiġu ffissati rifużjonijiet għall-esportazzjoni f'konformità mar-regoli u l-kriterji pprovduti fl-Artikoli 162 sa 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) L-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba fis-sitwazzjoni tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat.

(4) Ir-rifużjonijiet ma għandhomx jingħataw ħlief għall-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Unjoni u li jissodisfaw l-esiġenzi tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([2]), dawk tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([3]), kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' mmarkar definiti bil-punt A tal-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti li jibbenefikaw mir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Il-prodotti eliġibbli għal rifużjoni skont l-Artikolu 1(1) jeħtiġilhom ikunu jissodisfaw l-esiġenzi tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u partikolarment jeħtiġilhom ikunu ppreparati fi stabbiliment approvat u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' mmarkar tal-identifikazzjoni stabbiliti fl-Anness II, is-Sezzjoni I, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, kif ukoll dawk definiti fil-punt A tal-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

*ANNESS*

**Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-bajd, applikabbli sa mit-23 ta' Lulju 2010**

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità tal-kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0407 00 11 9000 | A02 | EUR/100 biċċa | 0,39 |
| 0407 00 19 9000 | A02 | EUR/100 biċċa | 0,20 |
| 0407 00 30 9000 | E09 | EUR/100 kg | 0,00 |
| | E10 | EUR/100 kg | 22,00 |
| | E19 | EUR/100 kg | 0,00 |
| 0408 11 80 9100 | A03 | EUR/100 kg | 84,72 |
| 0408 19 81 9100 | A03 | EUR/100 kg | 42,53 |
| 0408 19 89 9100 | A03 | EUR/100 kg | 42,53 |
| 0408 91 80 9100 | A03 | EUR/100 kg | 53,67 |
| 0408 99 80 9100 | A03 | EUR/100 kg | 9,00 |

*NB*: Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma ddefiniti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

Id-destinazzjonijiet l-oħra huma ddefiniti kif ġej:

E09: Il-Kuwajt, il-Baħrejn, l-Oman, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Jemen, Ħong Kong, ir-Russja, it-Turkija.

E10: Il-Korea t'Isfel, il-Ġappun, il-Malażja, it-Tajlandja, it-Tajwan, il-Filippini.

E19: Id-destinazzjonijiet kollha, għajr l-Iżvizzera, u l-gruppi E09, E10.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 654/2010**

**tat-22 ta' Lulju 2010**

**li jistabbilixxi r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 170 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemmija fit-taqsima XVII tal-Anness I tar-Regolament imsemmi u bejn il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti fil-Unjoni tista' tiġi koperta minn rifużjoni tal-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq tal-laħam tal-majjal, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rifużjonijiet tal-esportazzjoni skond ir-regoli u l-kriterji pprovduti fl-Artikoli 162 sa 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont l-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjoni, speċjalment fejn il-qagħda attwali tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jitnisslu mill-ftehimiet iffirmati skont l-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE hekk jitolbu.

(4) Ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw biss għall-prodotti awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Unjoni, u li jkollhom it-timbru sanitarju msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]). Dawn il-prodotti jeħtiġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([3]), kif ukoll tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 854/2004 tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([4]).

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet tal-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif ukoll l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet, huma speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-prodotti li jistgħu jgawdu minn rifużjoni skont il-paragrafu 1 jeħtiġilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u b'mod partikolari, jeħtiġilhom ikunu ppreparati fi stabbilimenti awtorizzati u jissodifaw ir-rekwiżiti tat-timbru sanitarju stipulati fl-Anness I, is-Sezzjoni I, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

*ANNESS*

**Rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal, applikabbli mit-23 ta' Lulju 2010**

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 0210 11 31 9110 | A00 | EUR/100 kg | 54,20 |
| 0210 11 31 9910 | A00 | EUR/100 kg | 54,20 |
| 0210 19 81 9100 | A00 | EUR/100 kg | 54,20 |
| 0210 19 81 9300 | A00 | EUR/100 kg | 54,20 |
| 1601 00 91 9120 | A00 | EUR/100 kg | 19,50 |
| 1601 00 99 9110 | A00 | EUR/100 kg | 15,20 |
| 1602 41 10 9110 | A00 | EUR/100 kg | 29,00 |
| 1602 41 10 9130 | A00 | EUR/100 kg | 17,10 |
| 1602 42 10 9110 | A00 | EUR/100 kg | 22,80 |
| 1602 42 10 9130 | A00 | EUR/100 kg | 17,10 |
| 1602 49 19 9130 | A00 | EUR/100 kg | 17,10 |

*NB:* Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje «A» huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 655/2010

## tat-22 ta' Lulju 2010

## li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.
([3]) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2010 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini ([1]) |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 137,4 | 0 | BR |
| | | 137,9 | 0 | AR |
| | | 122,5 | 0 | TH |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 132,9 | 0 | BR |
| | | 141,0 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Qatgħat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati | 217,9 | 25 | BR |
| | | 257,2 | 13 | AR |
| | | 316,3 | 0 | CL |
| 0207 14 50 | Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati | 255,0 | 0 | BR |
| 0207 14 60 | Koxox tat-tiġieġ, iffriżati | 147,2 | 0 | BR |
| 0207 25 10 | Karkassi tad-dundjani preżentazzjoni 80 %, iffriżati | 184,0 | 0 | BR |
| 0207 27 10 | Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 276,4 | 6 | BR |
| | | 293,9 | 1 | CL |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 323,9 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 341,4 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ | 339,1 | 0 | BR |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxfa tal-bajd | 566,9 | 0 | AR |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 656/2010

## tat-22 ta’ Lulju 2010

## li ma jiffissax prezz minimu għall-bejgħ tal-butir b’risposta għar-raba’ stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tal-butir fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 446/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2010 [2] fetaħ il-bejgħ tal-butir permezz ta’ proċedura ta’ sejħiet għall-offerti skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta’ Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f’dak li għandu x’jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta’ prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku [3].

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b’risposta għal stediniet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

(3) Fid-dawl tal-offerti li waslu għar-raba’ stedina individwali għall-offerti, ma għandux jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.

(4) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għar-raba’ stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tal-butir fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 446/2010, li għaliha ż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fl-20 ta’ Lulju 2010, il-prezz minimu għall-bejgħ tal-butir għandu jkun iffissat.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta’ Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 126, 22.5.2010, p. 17.
[3] ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 657/2010

## tat-22 ta' Lulju 2010

## li ma jiffissax prezz minimu tal-bejgħ b'risposta għar-raba' stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 447/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2010 [2] fetaħ il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħa għall-offerti, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku [3].

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għal stediniet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

(3) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom għar-raba' stedina individwali għall-offerti, ma għandux jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għar-raba' stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010, li għaliha l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fl-20 ta' Lulju 2010, mhux se jiġi ffissat l-ebda prezz minimu tal-bejgħ għat-trab tal-ħalib xkumat.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 126, 22.5.2010, p. 19.
[3] ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 658/2010

## tat-22 ta' Lulju 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 [3]. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 645/2010 [4].

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
(3) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
(4) ĠU L 187, 21.7.2010, p. 26.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-23 ta' Lulju 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 42,48 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 42,48 | 2,16 |
| 1701 12 10 (1) | 42,48 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 42,48 | 1,86 |
| 1701 91 00 (2) | 42,48 | 5,07 |
| 1701 99 10 (2) | 41,32 | 1,94 |
| 1701 99 90 (2) | 41,32 | 1,94 |
| 1702 90 95 (3) | 0,41 | 0,27 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 659/2010

## tat-22 ta' Lulju 2010

## li jistipula r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-bajd u l-isfar tal-bajd esportati fil-forma ta' oġġetti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li d-differenza bejn il-prezzijiet fin-negozju internazzjonali għall-prodotti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(s) u elenkati fil-Parti XIX tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fil-Unjoni jistgħu jaqgħu taht rifużjoni fuq l-esportazzjoni fejn dawk l-oġġetti huma esportati fil-forma ta' oġġetti elenkati fil-Parti V tal-Anness XX ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 578/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 dwar is-sistema tal-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għat-twaqqif ta' ammont ta' tali rifużjonijiet ([2]), jispeċifika l-prodotti li għalihom rata ta' rifużjoni għandha tiġi stabbilita u li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati fil-forma ta' oġġetti mniżżla fil-forma ta' oġġetti elenkati fil-Parti V tal-Annexss XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 578/2010, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi inkwistjoni tkun stabbilita għal perjodu ta' żmien tal-istess tul bħal dawk li għalihom rifużjonijiet huma stabbiliti għall-istess prodotti li huma esportati fi stat mhux ipproċessat.

(4) L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluża taħt l-Uruguay Round jistipula li r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal prodott li jinstab f'oġġett ma jistax jaqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr ipproċessar ulterjuri.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati tar-rifużjoni applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 578/2010 fl-Artikolu 1(1)(s) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fil-forma ta' oġġetti mniżżla fil-Parti V tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom ikunu stabbiliti kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 171, 6.7.2010, p. 1.

*ANNESS*

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mit-23 ta' Lulju 2010 tal-bajd u l-isfar tal-bajd esportati fil-forma ta' oġġetti li ma jaqgħux taħt l-Anness ta' dan it-Trattat**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Destinazzjoni (1) | Rata tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 0407 00 | Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar: | | |
| | – Tat-tjur: | | |
| 0407 00 30 | – – Oħra: | | |
| | (a) Fuq esportazzjoni ta' ovalbumin tal-kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90 | 02 | 0,00 |
| | | 03 | 22,00 |
| | | 04 | 0,00 |
| | (b) Fuq esportazzjoni ta' oġġetti oħra | 01 | 0,00 |
| 0408 | Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra u l-isfar tal-bajd, friski, imnixxfa, imsajra permezz tal-fwar jew mgħollija fl-ilma, magħmula f'forma, iffriżati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk ikun fihom zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti ħlewwa u kemm jekk le: | | |
| | – L-isfar tal-bajd: | | |
| 0408 11 | – – Imnixxef: | | |
| ex 0408 11 80 | – – – Tajjeb għall-konsum uman: | | |
| | mhux miżjud bi ħlewwa | 01 | 84,72 |
| 0408 19 | – – Oħra: | | |
| | – – – Tajjeb għall-konsum uman: | | |
| ex 0408 19 81 | – – – – Likwidu: | | |
| | Mhux miżjud bi ħlewwa | 01 | 42,53 |
| ex 0408 19 89 | – – – – Iffriżat: | | |
| | mhux miżjud bi ħlewwa | 01 | 42,53 |
| | – Oħra: | | |
| 0408 91 | – – Imnixxef: | | |
| ex 0408 91 80 | – – – Tajjeb għall-konsum uman: | | |
| | mhux miżjud bi ħlewwa | 01 | 53,67 |
| 0408 99 | – – Oħra: | | |
| ex 0408 99 80 | – – – Tajjeb għall-konsum uman: | | |
| | mhux miżjud bi ħlewwa | 01 | 9,00 |

(1) Id-destinazzjonijiet huma dawn li ġejjin:

01 Pajjiżi terzi. Għall-Iżvizzera u l-Lichtenstein dawn ir-rati m'humiex applikabbli għall-prodotti imniżżla fit-tabelli I u II tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972,

02 Il-Kuwajt, il-Baħrejn, l-Oman, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Jemen, it-Turkija, Ħong Kong SAR, u r-Russja,

03 Il-Korea ta' Isfel, il-Ġappun, il-Malażja, it-Tajlandja, it-Tajwan u l-Filippini,

04 kull destinazzjoni ħlief l-Iżvizzera u dawk ta' 02 u 03.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 660/2010

## tat-22 ta' Lulju 2010

## li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1)b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li d-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq internazzjonali għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(p) u mniżżla fil-Parti XVI tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan l-Unjoni jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' esportazzjoni fejn dawn l-oġġetti huma esportati fis-suq ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 fir-rigward tas-sistema tal-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi ffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [2], jispeċifika l-prodotti li se jkollhom rata ta' rifużjoni ffissata, li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati f'sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont tal-Artikolu 14 (1) tar-Regolament (UE) Nru 578/2010, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi kkonċernati għandha tiġi ffissata għal perjodu tal-istess tul bħal dak tar-rifużjonijiet li huma ffissati għall-istess prodotti esportati mingħajr ma ġew ipproċessati.

(4) L-Artikolu 162, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) Nru 1234/200 jistipula li r-rifużjoni tal-esportazzjoni ta' prodott li jinsab f'oġġett ma tistax taqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr aktar proċessar.

(5) Għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti li mhumiex koperti mill-Anness I tat-Trattat, hemm il-periklu li, jekk ir-rati ta' rifużjoni għoljin ikunu ffissati bil-quddiem, l-impenji b'rigward għal dawk ir-rifużjonijiet jistgħu jitqiegħdu fil-periklu. Għalhekk, sabiex jiġi evitat dan il-periklu, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni, iżda mingħajr ma tiġi prekluża l-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-iffissar ta' rati ta' rifużjoni speċifiċi għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet b'rigward ta' dawk il-prodotti għandu jippermetti li jiġu ssodisfati dawk iż-żewġ għanijiet.

(6) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 578/2010 jistipula li, meta r-rata tar-rifużjoni tkun iffissata, jitqiesu, fejn xieraq, l-għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli fl-Istati Membri kollha skont ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 578/2010 jew għal prodotti assimilati.

(7) L-Artikolu 100(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula l-ħlas ta' għajnuna għall-ħalib xkumat prodott fl-Unjoni li hu proċessat f'kaseina jekk tali ħalib u l-kaseina prodotti minnu jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet.

(8) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 578/2010 u fil-Parti XVI tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fis-sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu ffissati kif stipulat fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2010.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 171, 6.7.2010, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

*ANNESS*

**Rati ta' rifużjonijiet applikabbli mit-23 ta' Lulju 2010 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-trattat** ([1])

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Fil-każ ta' stipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem | Oħrajn |
| ex 0402 10 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx il-1,5 % (PG 2): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 3501 | — | — |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra | 0,00 | 0,00 |
| ex 0402 21 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx is-26 % (PG 3): | 0,00 | 0,00 |
| ex 0405 10 | Butir, li għandu piż ta' xaħam ta' 82 % (PG 6): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skont il-piż ta' xaħam tal-ħalib | 0,00 | 0,00 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra | 0,00 | 0,00 |

([1]) Ir-rati stipulati f'dan l-Anness ma japplikawx għall-esportazzjonijet lejn
(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-oġġetti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lill-Konfederazzjoni Żvizzera.
(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Unjoni: Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italia, Heligoland, il-Groenlandja, il-Gżejjer Faroe u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.
(c) It-territorji Ewropej li relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri u li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Unjoni: Ġibiltà.
(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(1), l-Artikolu 41(1) u l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Lulju 2010

## dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni

(2010/410/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Billi:

(1) It-Trattat jipprovdi li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politika ekonomika tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinawhom fi ħdan il-Kunsill. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-Unjoni Ewropea żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politika fiskali (il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) u linji politiċi makrostrutturali.

(2) It-Trattat jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta linji gwida dwar l-impjiegi u linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika bħala gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri.

(3) L-Istrateġija ta' Lisbona, varata fis-sena 2000, kienet imsejsa fuq rikonoxximent tal-ħtieġa tal-Unjoni Ewropea li jiżdiedu l-impjiegi, il-produttività u l-kompetittività, waqt li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, fid-dawl ta' kompetizzjoni globali, tibdil teknoloġiku, sfidi ambjentali u popolazzjoni li qed tixjieħ. L-Istrateġija ta' Lisbona ġiet varata mill-ġdid fl-2005, wara analiżi ta' nofs it-terminu li wasslet għal enfasi aktar qawwija fuq it-tkabbir u aktar impjiegi ta' kwalità aħjar.

(4) L-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi għenet biex jintlaħaq kunsens dwar id-direzzjoni ġenerali tal-politika ekonomika u tal-impjiegi tal-Unjoni. Taħt din l-istrateġija, fl-2005 [1] l-Kunsill adotta kemm linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika kif ukoll linji gwida dwar l-impjiegi, li ġew riveduti fl-2008 [2]. L-24 linja gwida stabbilixxew il-pedament għall-programmi nazzjonali ta' riforma, u fissru l-prijoritajiet ewlenin tar-riforma makroekonomika, mikroekonomika u tas-suq tax-xogħol għall-Unjoni kollha kemm hi. Madanakollu, l-esperjenza turi li l-linji gwida ma kinux jistabbilixxu prijoritajiet ċari biżżejjed u li r-rabta ta' bejniethom setgħet kienet aktar b'saħħitha. Dan żamm lura l-impatt tagħhom fuq it-tfassil tal-linji politiċi nazzjonali.

